MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 1178/2014

**Fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat**

**għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 2001/14**

**maħruġ fid-19 ta' Diċembru, 2014 fl-ismijiet:**

**David Bonnici (K.I. 158474M) f'ismu proprju u**

**bħala direttur tal-kumpannija Colour Print Limited (C39758)**

**vs.**

**Merlin Computers Limited (C11321)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2014 mis-soċjetà rikorrenti (minn issa 'l quddiem imsejħa "ir-rikorrenti"), fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 2001/2014 (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "il-Mandat").

Rat illi ir-rikorrenti qegħda tibbaża it-talba għar-revoka tal-Mandat fuq l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Diċembru, 2014, li bih ordnat in-notifika ta' David Bonnici (K.I. 158474M) f'ismu proprju u bħala direttur tal-kumpannija Colour Print Limited (minn issa 'l quddiem imsejħin "l-intimati") u tathom sebat (7) ijiem żmien biex iwieġbu bil-miktub.

Rat it-Tweġiba tal-intimati ppreżentata fis-6 ta' Jannar, 2015 fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu lill-Qorti sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrenti għar-revoka tal-Mandat.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Jannar, 2015 li bih il-Qorti appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2015.

Rat l-Atti tar-Rikors u tal-Mandat.

Semgħet l-avukati tal-partijiet jittrattaw.

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Jannar, 2015 fejn ħalliet ir-Rikors għal provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 li fuqu qegħda tistrieħ ir-rikorrenti fit-talba tagħha għar-revoka tal-mandat, huwa msejjes fuq eżami *prima facie* li jrid isir biex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le:

> *"l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *...*
>
> > (d) *jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv…".*

Tqis illi dak illi trid taċċerta ruħha minnu il-Qorti permezz ta' din il-proċedura preliminari huwa jekk il-pretensjoni tas-sekwestranti hijiex *prima facie* ġustifikata jew le. Din hija proċedura preliminari fejn il-Qorti ma tistax tidħol fil-mertu f'dan l-istadju, imma trid tillimita ruħha għal eżami *prima facie* għaliex il-mertu kollu jiġi trattat u deċiż fil-kawża bejn il-partijiet li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Illi f'dan il-rigward tagħmel riferiment għall-provvediment mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju 2005[1] fejn qalet li ġej:

> *"Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-*

[1] Onor. Imħallef J.R. Micallef, P.A. Rikors Nru. 336/2005.

*rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru".*

Tqis illi l-Mandat inħareġ sabiex jikkawtela danni pretiżi mill-intimati li huma llikwidaw għall-finijiet tal-Mandat fl-ammont ta' mija u għoxrin elf ewro (€120,000), u dan minħabba bosta ħsarat li allegatament żviluppaw fil-'Large Format Printer Mutoch Spitfire 100 complete with Onyx Ripple Software' (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Printer"), wara li fit-23 ta' Mejju, 2011 l-intimati kienu daħlu f'kuntratt mar-rikorrenti ta' 'Lease to Buy'[2] għar-rigward ta' dan il-Printer.

Tqis illi fir-Rikors tiegħu, sabiex isostni t-talba għal ħruġ ta' kontro-mandat u biex juri li l-ammont mitlub mhuwiex ġustifikat, ir-rikorrent qiegħed jibbaża fuq pretensjonijiet, fatti jew ċirkostanzi allegati li fil-fehma ta' din il-Qorti jolqtu l-qofol tal-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet.

Tqis li l-provi dwar il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għad iridu jinġabru fil-kawża li bdiet tinstema' quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Huwa biss meta l-ġbir tal-provi jkun konkluż li l-Qorti tkun tista' tippronunzja ruħha dwar il-mertu.

Tqis illi biex juri li li l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat, ir-rikorrenti qiegħda isostni li l-ebda danni m'huma dovuta 'il għaliex skont klawżola tnax (12) tal-kuntratt ta' kiri u xiri tal-Printer *"in no event will the company be liable for any loss of use, of data or of profits or of any special, indirect or consequential damages even if advised of such damages".*

Tqis li l-intimati min-naħa tagħhom wieġbu illi s-soċjetà rikorrenti a tenur tal-istess klawżola tnax (12) tal-imsemmi kuntratt fi kwalsiasi każ kienet tenuta li twettaq ir-responsabbiltajiet

2 Dok. MCL anness mar-Rikors.

tagħha taħt il-kuntratt *"promptly and with due diligence and endeavour to put the equipment into full operation as speedily as possible".*

Tqis li l-intimati qegħdin jilqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi jsostnu li s-soċjetà rikorrenti ma setgħetx teżonera ruħha minn kull responsabbiltà għad-danni u fl-istess ħin ma twettaqx ir-responsabbiltajiet tagħha taħt l-imsemmi kuntratt fil-pront, b'mod diliġenti u mingħajr ma tagħmel l-almu tagħha biex l-apparat jinġib fi stat li jaħdem b'mod sħiħ u kemm jista' jkun malajr.

Tqis li minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-Rikors ma jirriżultax illi huwa kkontestat li l-Printer ipprovdut mis-soċjetà rikorrenti lill-intimati żviluppaw fih għadd ta' ħsarat u saru tiswijiet fih bosta drabi. Però dak li żgur huwa kkontestat bejn il-partijiet huwa proprjament x'wassal għal dawn il-ħsarat, il-kawża vera u proprju tagħhom.

Tqis illi kwistjonijiet bħal jekk kienx hemm difetti inerenti fl-apparat inkwistjoni li setgħu wasslu għal ħsarat kontinwi, jew jekk it-tiswijiet fil-Printer kienux qegħdin isiru bid-diliġenza dovuta mis-soċjetà rikorrenti, jew jekk l-intimati kienux qegħdin iħaddmu l-Printer kif suppost u fl-ambjent idoneju għalih, u jekk il-klawżola tnax (12) tal-kuntratt imsemmi aktar 'il fuq hijiex legalment valida - dawn huma kollha konsiderazzjonijiet li jistgħu jolqtu l-qofol tal-mertu, uħud minnhom kwistjonijiet ta' natura teknika jew legali, li ċertament ma jistgħux ikunu ttrattati f'dan l-istadju ta' *prima facie* imma jridu jkun determinati wara li jinstemgħu l-provi fil-kawża dwar il-mertu.

Tqis illi fid-digriet fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et** tal-10 ta' Mejju 2001 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace, u **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et** tad-29 ta' Novembru 2001 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace ingħad:

> *"li mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

Hekk ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti** tas-27 ta' Ġunju 2002 per Onor Imħallef Dr. R. C. Pace ingħad:-

> *"Illi fil-fatt jista' jingħad li dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina 'prima facie' jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża*[3]*.*

Tqis illi wara li eżaminat il-kontenut tar-Rikors, u kif l-intimati wieġbu għar-Rikors, il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent ma rnexxilux juri imqar bi prova *prima facie* li l-ammont mitlub mhuwiex ġustifikat jew li huwa eċċessiv.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tas-soċjetà rikorrent għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru. 2001/14 maħruġ fid-19 ta' Diċembru, 2014 fl-ismijiet David Bonnici (K.I. 158474M) f'ismu proprju u bħala direttur tal-kumpannija Colour Print Limited (C39758) vs. Merlin Computers Limited (C11321) kif dedotta fir-rikors tagħha tat-23 ta' Diċembru, 2014. L-ispejjez ta' din il-proċedura jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali dwar l-kawża fil-mertu bejn il-partijiet.**

[3] Ara wkoll f'dan is-sens – **P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited** P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001; **Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd** P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001; kif ukoll **John Zarb vs Port Cottonera Ltd** tas-16 ta' Settembru 2002 per Onor Imħallef Dr. T. Mallia.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------